



---

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

---

**2020/2531(RSP)**

21.2.2020

# **ABBOZZ TA' MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa wara l-mistoqsijiet għal tweġiba orali B9-0000 u B9-0000

skont l-Artikolu 136(5) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar strateġija għas-sostenibbiltà fir-rigward tas-sustanzi kimiċi  
(2020/2531(RSP))

**Maria Spyraġi, Maria Arena, Frédérique Ries, Sven Giegold, Oscar Lancini,  
Pietro Fiocchi, Anja Hazekamp**  
f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

**B9-0000/2020**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar strateġija għas-sostenibbiltà fir-rigward tas-sustanzi kimiċi  
(2020/2531(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Nġhixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" ("is-Seba' EAP"), u l-viżjoni tagħha sal-2050,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("ir-Regolament REACH"),
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet ("ir-Regolament CLP"),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1107/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/1381 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari,
- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2017/2398 tat-12 ta' Diċembru 2017, id-Direttiva (UE) 2019/130 tas-16 ta' Jannar 2019 u d-Direttiva 2019/983 tal-5 ta' Ġunju 2019 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemendaw id-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-esposizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol,

- wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2019 bit-titolu "Lejn Strateġija tal-Unjoni għal Politika Sostenibbli dwar is-Sustanzi Kimiċi",
- wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2019 bit-titolu "Aktar ċirkolarità - Transizzjoni lejn soċjetà sostenibbli",
- wara li kkunsidra l-linji gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea 2019-2024, b'mod partikolari l-ambizzjoni ta' tniġġis żero fl-Ewropa,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM(2019)640),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2018 bit-titolu "Pjaneta Nadifa għal kulħadd - Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima" (COM(2018)773), u l-analiżi fil-fond b'appoġġ għal din il-komunikazzjoni<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2018 bit-titolu "Rapport Ġenerali tal-Kummissjoni dwar l-operat tar-REACH u rieżami ta' ċerti elementi - Konklużjonijiet u Azzjonijiet" (COM(2018)116) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjaha,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Novembru 2018 bit-titolu "Lejn qafas tal-Unjoni Ewropea dwar l-interferenti endokrinali" (COM(2018)734),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Novembru 2018 bit-titolu "Rieżami tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prodotti kożmetiċi fir-rigward tas-sustanzi bi proprjetajiet li jħarbtu s-sistema endokrinali" (COM(2018)739),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ġunju 2019 bit-titolu "Is-sejbiet tal-Kontroll tal-Idoneità tal-aktar leġiżlazzjoni rilevanti dwar is-sustanzi kimiċi (bl-esklużjoni tar-REACH) u l-isfidi, il-lakuni u d-dgħufijiet identifikati" (COM(2019)264),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' April 2009 dwar l-aspetti regolatorji tan-nanomaterjali (2008/2208(INI)),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Lulju 2015 dwar l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi: lejn ekonomija ċirkolari (2014/2208(INI)),

<sup>1</sup> [https://ec.europa.eu/clima/sites/clima/files/docs/pages/com\\_2018\\_733\\_analysis\\_in\\_support\\_en\\_0.pdf](https://ec.europa.eu/clima/sites/clima/files/docs/pages/com_2018_733_analysis_in_support_en_0.pdf)

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2018 dwar l-implimentazzjoni tas-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali (2017/2030(INI)),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2018 dwar l-implimentazzjoni tal-pakkett tal-ekonomija ċirkolari: alternattivi li jindirizzaw l-interfaċċa bejn il-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, dwar il-prodotti u dwar l-iskart (2018/2589(RSP)),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Jannar 2018 dwar l-implimentazzjoni tal-pakkett tal-ekonomija ċirkolari: alternattivi li jindirizzaw l-interfaċċa bejn il-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, dwar il-prodotti u dwar l-iskart (COM(2018)32), u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjaha (SWD(2018)20),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2018 dwar strateġija Ewropea għall-plastik f'ekonomija ċirkolari (2018/2035(INI)),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2018 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti (KE) Nru 1107/2009 (2017/2128(INI)),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2019 dwar il-proċedura tal-Unjoni għall-awtorizzazzjoni tal-pestiċidi (2018/2153(INI)),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Frar 2019 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/128/KE dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi (2017/2284(INI)),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' April 2019 dwar qafas komprensiv tal-Unjoni Ewropea dwar l-interferenti endokrinali (2019/2683(RSP)),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (2019/2956(RSP)),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu ta' x X 2020 dwar approċċ strateġiku għall-prodotti farmaċewtiċi fl-ambjent (2019/2816(RSP)),
- wara li kkunsidra r-rapport tad-29 ta' April 2019 dwar il-Programm Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti bit-titolu "Global Chemicals Outlook II - From Legacies to Innovative Solutions: Implementing the 2030 Agenda for Sustainable Development",
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tal-4 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "The European environment - state and outlook 2020" (SOER 2020),
- wara li kkunsidra l-istudju ta' Awwissu 2017 ikkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea bit-titolu "Study for the strategy for a non-toxic environment of the 7th Environment Action Programme"<sup>2</sup>,

---

<sup>2</sup> <https://op.europa.eu/s/nJFb>

- wara li kkunsidra l-istudju ta' Jannar 2019 u li ġie aġġornat f'Mejju 2019 ikkummissjonat mill-Kumitat PETI tal-Parlament Ewropew bit-titolu "Endocrine Disruptors: From Scientific Evidence to Human Health Protection"<sup>3</sup>,
  - wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar strateġija għas-sostenibbiltà fir-rigward tas-sustanzi kimiċi (O-000000/2019 – B9-0000/2019),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 136(5) u 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,
1. Jilqa' l-ambizzjoni ta' tniġġis żero għal ambjent mingħajr sustanzi tossiċi;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal strateġija għas-sostenibbiltà fir-rigward tas-sustanzi kimiċi li tiżgura b'mod effettiv livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, filwaqt li timminimizza l-esponiment għal sustanzi kimiċi perikolużi;
  3. Jenfasizza li l-istrateġija l-ġdida għandha tkun koerenti mal-oġġettivi politiċi l-oħra tal-Patt Ekoloġiku, u komplementari għalihom;
  4. Iqis li l-istrateġija dwar is-sustanzi kimiċi għandha tikseb koerenza u sinerġiji bejn il-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi (eż. REACH, CLP, POPs, merkurju, prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, bijoċidi) u leġiżlazzjoni relatata tal-Unjoni, inklużi l-leġiżlazzjoni speċifika dwar il-prodotti (eż. ġugarelli, kożmetiċi, materjali li jiġu f'kontatt mal-ikel, prodotti tal-kostruzzjoni, imballaġġ), il-leġiżlazzjoni ġenerali dwar il-prodotti (eż. ekodisinn, ekotikketta), il-leġiżlazzjoni dwar il-kompartimenti ambjentali (eż. l-ilma u l-arja), kif ukoll il-leġiżlazzjoni dwar l-installazzjonijiet industrijali (eż. IED, Direttiva Seveso III);
  5. Jenfasizza li l-istrateġija dwar is-sustanzi kimiċi għandha tkun allinjata mal-ġerarkija tal-azzjonijiet fil-ġestjoni tar-riskji, li tagħti prijorità lill-prevenzjoni, l-eliminazzjoni u s-sostituzzjoni tal-esponiment pjuttost milli lill-miżuri ta' kontroll;
  6. Jenfasizza li l-istrateġija għandha tirrifletti bis-sħiħ il-prinċipju ta' prekawzjoni u l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas;
  7. Jenfasizza li l-istrateġija l-ġdida dwar is-sustanzi kimiċi għandha tkun ibbażata fuq evidenza xjentifika robusta u aġġornata u li l-azzjoni regolatorja sussegwenti għandha tkun akkumpanjata minn valutazzjonijiet tal-impatt, filwaqt li jitqies il-kontribut tal-partijiet ikkonċernati rilevanti;
  8. Jafferma mill-ġdid li l-lakuni regolatorji kollha fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi għandhom jitneħħew u li l-istrateġija l-ġdida dwar is-sustanzi kimiċi għandha tikkontribwixxi b'mod effettiv għas-sostituzzjoni rapida ta' sustanzi ta' tħassib kbir ħafna u ta' sustanzi kimiċi perikolużi oħra, inklużi l-interferenti endokrinali, is-sustanzi kimiċi persistenti ħafna, is-sustanzi newrotossiċi u s-sustanzi immunotossiċi, u tindirizza wkoll l-effetti kkombinati tas-sustanzi kimiċi, in-nanofom ta' sustanzi u

<sup>3</sup> [http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2019/608866/IPOL\\_STU\(2019\)608866\\_EN.pdf](http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2019/608866/IPOL_STU(2019)608866_EN.pdf)

l-esponiment għal sustanzi kimiċi perikolużi mill-prodotti; itenni li kwalunkwe projbizzjoni ta' dawn is-sustanzi kimiċi għandha tqis l-aspetti kollha tas-sostenibbiltà;

9. Jissottolinja l-ħtieġa ta' impenn ċar biex jiġu żgurati fondi għal riċerka mtejba dwar alternattivi aktar sikuri u biex jiġu promossi s-sostituzzjoni ta' sustanzi kimiċi ta' ħsara, produzzjoni mhux tossika u innovazzjoni sostenibbli;
10. Itenni l-ħtieġa li l-ittestjar fuq l-annimali jiġi minimizzat bl-għajjnuna ta' metodoloġiji ta' approċċ ġodda u jappella għal aktar sforzi u fondi għal dan il-fini bil-għan li jiġu stabbiliti valutazzjonijiet tas-sikurezza mhux ibbażati fuq l-annimali fil-leġislazzjoni rilevanti kollha, flimkien ma' dik dwar il-kożmetiċi; jiddispijaċih li għad hemm ostakli għall-użu u l-aċċettazzjoni ta' metodi ta' ttestjar alternattivi (mhux fuq l-annimali) għal skopijiet regolatorji, parzjalment marbuta mal-lakuni fil-linji gwida disponibbli dwar l-ittestjar<sup>4</sup>, u jitlob li tittieħed azzjoni biex din is-sitwazzjoni tiġi rimedjata;
11. Iqis li l-istrateġija għandha testendi l-użu tal-valutazzjoni ġenerika tar-riskju għal-leġislazzjoni kollha;
12. Jistieden lill-Kummissjoni tiegħu l-azzjoni kollha meħtieġa biex tiżgura li l-effetti ta' kombinazzjoni jiġu indirizzati bis-sħiħ fil-leġislazzjoni rilevanti kollha, inklużi l-iżvilupp ta' metodi ġodda ta' ttestjar u r-reviżjoni tar-rekwiżiti tad-data, meta jkun meħtieġ;
13. Jilqa' l-prinċipju ta' "sustanza waħda – valutazzjoni ta' periklu waħda" sabiex ir-riżorsi tal-aġenziji u l-korpi xjentifiċi tal-Unjoni jintużaw aħjar, tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi, jitnaqqas ir-riskju ta' eżiti diverġenti tal-valutazzjonijiet, titħaffef ir-regolamentazzjoni u tiddaħħal il-konsistenza fir-regolamentazzjoni tas-sustanzi kimiċi, u biex jiġu żgurati protezzjoni aħjar tas-saħħa u tal-ambjent u kundizzjonijiet ekwi għall-industrija;
14. Jenfasizza l-ħtieġa ta' approċċ aktar integrat għall-valutazzjoni bħala grupp wieħed ta' sustanzi kimiċi b'periklu, riskju jew funzjoni simili; għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni tuża approċċ ta' raggruppament b'mod aktar wiesa', kemm fl-evalwazzjoni kif ukoll fl-azzjonijiet regolatorji sussegwenti, biex tevita sostituzzjonijiet li jkun aħjar li ma jsirux; jenfasizza li l-approċċ ta' "sustanza waħda – valutazzjoni ta' periklu waħda" la għandu jikkontradixxi u lanqas jimpedixxi l-iżvilupp ta' approċċ ta' raggruppament biex familji ta' sustanzi kimiċi jiġu vvalutati b'mod sħiħ;
15. Iqis li jinħtieġu miżuri regolatorji biex jiġu protetti gruppi vulnerabbli; jistieden lill-Kummissjoni tadotta definizzjoni trasversali ta' gruppi vulnerabbli, tadatta l-valutazzjonijiet tar-riskju u tallinja l-protezzjoni tal-gruppi vulnerabbli fil-leġislazzjoni kollha dwar is-sustanzi kimiċi;
16. Jitlob li l-istrateġija ttejjeb l-implimentazzjoni tar-REACH, fir-rigward tar-reġistrazzjoni, l-evalwazzjoni u l-awtorizzazzjoni; itenni l-prinċipju ta' "ebda data, ebda suq"; jitlob li jiġi żgurat l-aġġornament obbligatorju tad-dossiers ta' reġistrazzjoni, abbażi tal-aħħar xjenza disponibbli; jitlob li jkun hemm trasparenza fir-

---

<sup>4</sup> Konstatazzjonijiet tal-Kontroll tal-Idoneità tal-aktar leġislazzjoni rilevanti dwar is-sustanzi kimiċi (bl-esklużjoni tar-REACH) u l-isfidi, il-lakuni u d-dgħufijiet identifikati (COM(2019)264).

rigward tal-konformità mal-obbligi ta' reġistrazzjoni, u li l-ECHA tingħata s-setgħa espliċita li tirtira n-numri ta' reġistrazzjoni f'każ ta' nuqqas kontinwu ta' konformità;

17. Iqis li l-evalwazzjoni tas-sustanzi jeħtieġ kemm li tittejjeb kif ukoll li titħaffef;
18. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ma jibqgħux jawtorizzaw sustanzi u japprovaw prodotti b'settijiet ta' data mhux kompleti dwar il-perikli għas-saħħa u għall-ambjent;
19. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti lok għal kontroll regolatorju rapidu, effiċjenti u trasparenti ta' sustanzi kimiċi ta' ħsara, u tiżviluppa u timplimenta sistema ta' twissija bikrija biex tidentifika riskji ġodda u emerġenti sabiex tiżgura segwitu rapidu regolatorju upstream;
20. Jenfasizza li l-leġiżlazzjoni dwar il-materjal li jiġi f'kuntatt mal-ikel għandha tiġi riveduta;
21. Huwa mħasseb dwar il-bosta inkonsistenzi fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li jikkonċernaw il-PBTs/vPvBs kif identifikati fil-kontroll tal-idoneità; jistieden lill-Kummissjoni tfassal pjan ta' azzjoni ċar u proposti leġiżlattivi ċari dwar kif għandhom jiġu indirizzati s-sustanzi kimiċi kollha persistenti, b'joakkumulattivi u tossiċi, kif ukoll persistenti ħafna u b'joakkumulattivi ħafna, u persistenti u mobbli, fil-leġiżlazzjoni rilevanti u l-media ambjentali kollha, inkluż il-pjan ta' azzjoni biex jiġi eliminat b'mod gradwali l-użu mhux essenzjali kollu ta' sustanzi perfluoroalkilati (PFAS) bħala parti mill-istrateġija għas-sostenibbiltà fir-rigward tas-sustanzi kimiċi;
22. Jafferma mill-ġdid it-talbiet tiegħu tat-18 ta' April 2019 għal qafas komprensiv tal-Unjoni dwar l-interferenti endokrinali (EDCs), b'mod partikolari biex tiġi adottata definizzjoni orizzontali bbażata fuq id-definizzjoni tad-WHO għal EDCs suspettati, kif ukoll għal EDCs magħrufa u preżunti b'konformità mal-klassifikazzjoni tas-CMRs fir-Regolament CLP, biex jiġu riveduti r-rekwiżiti tad-data kif xieraq, jiġi minimizzat b'mod effettiv l-esponiment ġenerali tal-bnedmin u tal-ambjent għall-EDCs, isiru proposti leġiżlattivi biex jiddaħħlu dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-EDCs fil-leġiżlazzjoni dwar il-ġugarelli u l-kożmetiċi biex l-EDCs jiġu ttrattati bħal sustanzi li huma karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni u biex tiġi riveduta l-leġiżlazzjoni dwar il-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel biex l-EDCs jiġu sostitwiti;
23. Jafferma mill-ġdid l-appell tiegħu tal-14 ta' Marzu 2013 li l-EDCs għandhom jitqiesu bħala sustanzi mhux ta' livell limitu;
24. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi klassijiet ġodda ta' periklu fir-Regolament CLP (eż. għall-EDCs);
25. Jenfasizza li l-istrateġija għas-sostenibbiltà fir-rigward tas-sustanzi kimiċi għandha ttejjeb il-valutazzjoni ta' sustanzi kumplessi (eż. sustanzi ta' kompożizzjoni mhux magħrufa jew varjabbli (UVCBs)) u r-reġistrazzjoni ta' polimeri, b'mod partikolari billi tappoġġja lill-ECHA biex tiżviluppa aktar is-soluzzjonijiet diġà implimentati (eż. il-Profil tal-Identità ta' Sustanza); jitlob li jiġu żviluppatti metodi speċifiċi għall-valutazzjoni ta' dan it-tip ta' sustanzi li jippermettu approċċ sod ibbażat fuq ix-xjenza u li huma applikabbli fil-prattika;



26. Jitlob li l-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (PPPs) tiġi implimentata bis-sħiħ; jistieden lill-Kummissjoni tippubblika r-riżultati tal-eżerċizzju REFIT tal-leġiżlazzjoni dwar il-PPPs mill-aktar fis possibbli; jistieden lill-Kummissjoni tħaffef it-tranżizzjoni tal-Ewropa lejn pestiċidi b'riskju baxx u tnaqqas id-dipendenza fuq il-pestiċidi biex tilħaq l-oġettivi tad-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi u tappoġġja lill-bdiewa biex jagħmlu dan;
27. Jissottolinja d-dewmien inkwetanti fit-twertiq tal-programm ta' rieżami u l-ħtieġa li tiġi żgurata (ri)valutazzjoni tas-sikurezza komprensiva u aktar rapida ta' sustanzi attivi bijoċidali, koformulanti u prodotti sħaħ – inkluż għal proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali – sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa taċ-ċittadini u tal-ambjent;
28. Jissottolinja li huwa importanti li jiġu żviluppati ċikli ta' materjali mhux tossiċi; jafferma mill-ġdid li, skont il-ġerarkija tal-iskart, il-prevenzjoni tiegħu prijorità fuq ir-riċiklaġġ u li, għaldaqstant, ir-riċiklaġġ m'għandux jiġġustifika t-tkomplija tal-użu ta' sustanzi tradizzjonalment perikolużi;
29. Iqis li l-iżvelar tas-sustanzi kimiċi perikolużi kollha f'oġġetti tul il-katina tal-provvista lill-konsumaturi u lill-manigġers tal-iskart huwa prerekwiżit biex jinkisbu ċikli ta' materjali mhux tossiċi;
30. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li tiġi stabbilita sistema ta' informazzjoni pubblika faċli għall-utent dwar sustanzi perikolużi li jinsabu fil-materjali, fl-oġġetti u fl-iskart, u ssir disponibbli malajr fil-lingwi kollha tal-Unjoni;
31. Jirrimarka li l-istrategġija għandha tgħin lill-industrija tas-sustanzi kimiċi tilħaq in-newtralità klimatika u l-oġettivi ta' tniġġis żero kif ukoll tappoġġja l-funzjonament tajjeb tas-suq intern filwaqt li ttejjeb il-kompetittività u l-innovazzjoni tal-industrija tal-UE;
32. Jitlob li jingħata appoġġ lill-SMEs biex ikunu jistgħu jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi;
33. Jenfasizza li l-leġiżlazzjoni hija fundamentali biex tingħata direzzjoni lill-innovazzjoni meħtieġa għat-tranżizzjoni lejn settur tas-sustanzi kimiċi ċirkolari u sostenibbli u għal investimenti fit-tul;
34. Jenfasizza l-ħtieġa li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sustanzi kimiċi tipprovdi inċentivi għal kimika, materjali (inkluż il-plastik) u teknoloġiji sostenibbli, inklużi alternattivi mhux kimiċi, li jkunu sikuri u mhux tossiċi mid-disinn;
35. Ifakkar li l-introjt mill-imposti mill-ECHA se jonqos b'mod sostanzjali; jappella għal mekkaniżmu ta' finanzjament sostenibbli, sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb u fit-tul tagħha u biex jitneħħew l-ineffċjenzi minħabba s-separazzjoni tal-linji baġitarji, filwaqt li jiġu pprovvduti r-riżorsi meħtieġa biex jiġu ssodisfati d-domandi li qed jiżdiedu fuq il-ħidma attwali tagħha kif ukoll biżżejjed riżorsi addizzjonali għal kwalunkwe xogħol addizzjonali meħtieġ;
36. Jitlob li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sustanzi kimiċi tiġi implimentata bis-sħiħ; jistieden lill-Istati Membri jallokaw kapataġiet suffiċjenti biex itejbu l-infurzar tal-



leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi u li l-Kummissjoni u l-ECHA jipprovdu appoġġ adegwat biex dan isir;

37. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-prodotti importati jirrispettaw l-istess standards bħal dawk li jirregolaw is-sustanzi kimiċi u l-prodotti li jiġu prodotti fl-Unjoni; iqis li l-kontrolli tan-nuqqas ta' konformità fl-Unjoni u fil-fruntieri tagħha għandhom jissaħħu;
38. Iqis li l-istandards tal-Unjoni dwar is-sikurezza tas-sustanzi kimiċi għandhom jiġu promossi internazzjonalment;
  - o
  - o o
39. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.